**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**
**Stephen Agius**

***Każ Nru. 2087/24***

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Stephen Agius;

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-" Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-15 ta' Mejju, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Dan il-każ jirrisali ghal 2014 meta ġewwa l-Lukanda Radisson Blu San Ġiljan, nibet nar u, *inter alia,* nqerdu u/jew ġew danneġġati diversi vetturi.

Mill-atti jirrizulta li saret inkjesta maġisterjali u kien f'din l-inkjesta li ttieħdet ix-xiehda tal-imputat fejn dan ammetta li kien rema l-loqma ta' sigarett li kien qed ipejjep f'kamra fejn tinżamm l-għodda u fejn kien jaf li kien hemm landa bil-petrol.

Madanakollu din id-dikjarazzjoni tal-imputat, li saret fuq mistoqsijiet tal-abbli uffiċjal dak iż-żmien Spettur Trevor Micallef, ingħatat lill-espert tekniku li fir-relazzjoni minn tiegħu jgħid li x-xiehda tal-imputat ġiet mogħtija nhar il-25 ta' Ġunju, 2024 wara li Agius *"ġie mogħti s-**solita "caution"** mill-esponent".*[1]

Fl-istess rapport imbghad jingħad li *"Stephen Agius....bil-Malti u taht gurament nghid Qed niġi mwissi u anke informat bid-drittijiet legali tieghi u naghzel li nixhed kif gej:"*[2]

Mill-atti ma jirrizulta minn imkien li l-imputat, appena li kien ovvju li kien suspettat għaliex is-cctv footage wera lilu dieħel fil-passaġġ ghal fejn nbeda l-ħruq, ingħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt li kienet qed tittieħed ix-xiehda tiegħu li għandu jingħad li fiċ-ċirkostanzi din kienet tassew att interrogatorju. Tali obbligazzjoni hi naxxenti mid-dettami tal-Artikolu 534A

> 534A. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għal persuna mill-ħin li tkun mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva li hemm suspett li wettqet reat (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "persuna suspettata") u għal persuna li tinstab akkużata jew imputata li wettqet reat (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "akkużata") sa ma jkunu konklużi l-proċeduri kriminali, inkluż, fejn hu applikabbli, l-għoti tas-sentenza u d-deċiżjoni tal-appell:
>
> Iżda "l-proċeduri kriminali" għandhom jinkludu investigazzjonijiet mill-Pulizija Eżekuttiva u proċeduri ta'estradizzjoni:
>
> Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom ukoll japplikaw għal persuna barra mill-persuna suspettata jew akkużata li, fil-kors tal-interrogazzjoni mill-pulizija u minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi, issir persuna suspettata jew akkużata.

Fost id-dispożizzjonijiet li ssir riferenza għalihom f'dan l-artikolu insibu:

> **534AB.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 355AĊ,355AS, 392 u 445, għandu jkun id-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skont kif ikun il-każ, li tinforma lill-persuna suspettata jew lill-akkużat bla ebda dewmien bid-drittijiet proċedurali li ġejjin:
>
> (a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;
> (b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;.......

[1] Fol.151 tal-PV.
[2] Fol.159

Għaldaqstant mill-atti quddiemha l-Qorti ma għandiex is-serħan il-moħħ li din id-dispożizzjoni ġiet osservata ġaladarba kull ma jingħad hu li Agius ingħata l-"caution" meta d-drittijiet tiegħu kienu jestendu għal ħafna aktar.

F'dan il-proċess m'hemmx xiehda oħra li twassal ghal sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest, anke għaliex dak li jidher mill-filmati hu persuna, identifikata bħala l-imputat, *"hierga u diehla fil-passagg wahdu"*[3] f'liema passaġġ kien hemm tlett *intermediate bulk containers* (4) li kienu mimlijin diesel fuel.[4] B'din l-evidenza waħedha, fejn ma jidhirx l-imputat iqabbad sigarett li wasal sabiex inbdew in-nirien, u fejn fir-relazzjoni ta' Dr. Vella ma ġiex definittivament kkonstatat li n-nar inbeda minn sigarett iżda biss teżi ipotetika li setgħa kienet loqma ta' sigarett li waqgħet fuq materjal kombustibbli li kkawżat il-ħruq aċċidentali, il-każ ma ġiex soddisfaċentement pruvat.

Għalhekk l-imputat qed jiġi liberat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[3] Fol.150
[4] Fol.149